MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2002

Rikors Numru. 7/2000/2

**Angelic Mifsud**

**Vs**

**Manicolo Carmelo, Joseph Anthony ahwa**

Il-Bord,

Ra c-citazzjoni fejn l-attur qal;

a. Peress illi permezz tar-rikors 85/00 JC fl-ismijiet Carmelo, Joseph u Anthony ahwa Manicolo versus Angelic Mifsud presentat quddiem dan il-Bord, ir-rikorrenti konvenuti talbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu pussess tal-fond adebit bhala hanut fi Triq l-Arznell, Marsascala, “stante illi l-attur intimat issullokat l-fond u/jew ceda d-drittijiet lokatizzji lil terzi minghajr il-kunsens tar-rikorrenti konvenuti u kontra d-divjet espress fl-iskrittura ta’ lokazzjoni tal-10 ta’ Settembru 1992”;

b. U peress illi deher illi l-attur intimat ma ppresenta l-ebda risposta u li fil-fatt ma attendiex ghall-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2000 li ghaliha kien gie appuntat ghas-smigh ir-rikors ‘de quo’, f’liema seduta dan il-Bord ippronuncja d-decisjoni tieghu, u in mancanza ta’ risposta mill-attur intimat, u wara li ra l-Art 33 tal-Kap 69 laqa’ t-talbiet tar-rikorrenti konvenuti bl-ispejjes kontra l-attur rikorrent u ffissa t-terminu ta’ xahar mid-data tad-decisjoni ghall-isgumbrament.

c. U peress illi l-attur intimat sar jaf illi r-rikors ‘de quo’ kien gie appuntat ghas-smigh u deciz biss fis-7 ta’ Dicembru 2000 permezz ta’ ittra tal-Avukat Dottor Philip Sciberras datata 4 ta’ Dicembru 2000;

d. U peress illi l-attur intimat ihoss ruhu aggravat bl-imsemmija decisjoni ta’ dan il-Bord u ghat-termini tal-Art 811(b) tal-Kodici tal-Procedura Civili qieghed jinterponi umli ritrattazzjoni minnha;

e. Peress ukoll illi l-aggravju tal-attur intimat u dawn il-proceduri qedghin jigu bbazati fuq il-fatt illi l-attur intimat <u>qatt ma gie notifikat bl-avviz ghas-smigh tar-rikors skond il-ligi</u> – gie notifikat <u>**biss**</u> bir-rikors fuq citat fis-16 ta’ Ottubru 2000 permezz ta’ posta registrata (R Nru 262 – Marixxal Francis X Ellul);

f. U peress illi kien ghalhekk illi r-rikorrent ma deherx quddiem dan il-Bord fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2000 sabiex jopponi ruhu ghal u jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

g. P:eress ukoll illi huwa car illi sar zball amministrattiv u r-Registratur tal-Qrati naqas li jinnotifika l-inkartametn intier lill-attur intimat;

h. Premess illi konsegwetement isegwi illi ma tezistix u li ma kienx hemm notifika valida tal-att kif titlob il-ligi (Art 811 9b) u jirrizulta mill-process illi l-attur intimat mhux notifikat, ma kienx deher ghas-smigh tal-kawza;

i. Premess ukoll illi dawn il-fatti ma kienux a konjizzjoni tal-Bord meta ippronuncja id-decisjoni tieghu li minnha qieghed jintalab li ssir ritrattazzjoni;

j. Premess u peress illi l-attur intimat qieghed jipproduci garanzija skond il-ligi hawn annessa u mmarkata Dok AM1.

k. Premess illi filwaqt li l-attur intimat jaghmel ampja riferenza ghal-atti kollha tac-citat rikors u li minn issa jirriserva li jipproduci dawk il-provi kollha lilu premessi mill-ligi;

Jghidu ghalhekk il-konvneuti rikorrenti il-ghaliex dan il-bord m'ghandux:

1. Jirrevoka jew ihassar id-decisjoni tieghu moghtija fil-15 ta' Novembru 2000 fir-rikors fl-ismijiet inversi fuq indikat u dan ghat-tenur tal-ART. 811 (b) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili billima kienetx saret notifika valida tal-atti kif titlob il-ligi;

2. Ghaliex m'ghandux jordna s-smigh mil-gdid tal-mertu tal-istess rikors u

3. Ghaliex, fil-mertu, m'ghandux jichad it-talbiet tal-konvenuti rikorrenti bl-ispejes ta' din il-kawza u ta' dawn il-proceduri, komprizi dawk tar-rikors presentat kontestwalment, kontra l-istess konvenuti rikorrenti, minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom

Ra <u>d-dikjarazzjoni</u> mahlufa ta' l-attur u l-lista tax-xhieda.

1. Illi permezz tar-rikors 85/00 JC fl-ismijiet Carmelo, Joseph u Anthony ahwa Manicolo versus Angelic Mifsud presentat quddiem dan il-Bord, ir-rikorrenti konvenuti talbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu pussess tal-fond adebit bhala hanut fi Triq l-Arznell, Marsascala, "stante illi l-attur intimat issullokat l-fond i/jew ceda d-drittijiet lokatizzji lil terzi minghajr il-kunsens tar-rikorrenti konvenuti u kontra d-divjet espress fl-iskrittura ta' lokazzjoni tal-10 ta' Settembru 1992";

2. Illi deher illi l-attur intimat ma ppresenta l-ebda risposta u li fil-fatt ma attendiex ghall-udjenza tal-15 ta' Novembru 2000 li ghaliha kien gie appuntat ghas-smigh ir-rikors 'de quo', f'liema seduta dan il-Bord ippronuncja d-decisjoni tieghu, u in mancanza ta' risposta mill-attur intimat, u wara li ra l-Art 33 tal-Kap 69 laqa' t-talbiet tar-rikorrenti konvenuti bl-ispejjes kontra l-attur rikorrent u ffissa t-terminu ta' xahar mid-data tad-decisjoni ghall-isgumbrament.

3. Illi l-attur intimat sar jaf illi r-rikors kien gie appuntat ghas-smigh u deciz biss fis-7 ta' Dicembru 2000 permezz ta' ittra tal-Avukat Dottor Philip Sciberras datata 4 ta' Dicembru 2000;

4. Illi l-attur intimat ihoss ruhu aggravat bl-imsemmija decisjoni ta'd an il-Bord u ghat-termini tal-Art 811(b) tal-Kodici tal-Procedura Civili qieghed jinterponi umli ritrattazzjoni minnha;

5. Illi l-aggravju tal-attur intimat u dawn il-proceduri qedghin jigu bbazati fuq il-fatt illi l-attur intimat <u>qatt ma gie notifikat bl-avviz ghas-smigh tar-rikors skond il-ligi</u> – gie notifikat **<u>biss</u>** bir-rikors fuq citat fis-16 ta' Ottubru 2000 permezz ta' posta registrata (R Nru 262 – Marixxal Francis X Ellul);

6. Illi kien ghalhekk illi r-rikorrent ma deherx quddiem dan il-Bord fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2000 sabiex jopponi ruhu ghal u jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

7. Illi huwa car illi sar zball amministrattiv u r-Registratur tal-Qrati naqas li jinnotifika l-inkartametn intier lill-attur intimat;

8. Illi konsegwetement isegwi illi ma tezistix u li ma kienx hemm notifika valida tal-att kif titlob il-ligi (Art 811 9b) u jirrizulta mill-process illi l-attur intimat mhux notifikat, ma kienx deher ghas-smigh tal-kawza;

9. Illi dawn il-fatti ma kienux a konjizzjoni tal-Bord meta ippronuncja id-decisjoni tieghu li minnha qieghed jintalab li ssir ritrattazzjoni, u ghal kull buon fini l-attur intimat jiddikjara illi m'ghandu l-ebda dubbju illi lanqas ma kienu a konoxxenza tal-konvenuti rikorrenti jew tal-avukat difensur lejalissimu taghhom.

Ra n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi t-talba attrici dwar il-proponiment tar-ritrattazzjoni tal-kawza deciza hi insostenibbli stante li l-attur gie validametn notifikat bir-rikors promotur;  savi eccezzjonijiet ohra.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti.

Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju 2002 fejn barra li nghatat xhieda saret trattazzjoni mill-avukati.

Ra n-nota ta' referenzi tal-konvenuti.

Ra s-sentenza tieghu tal-10 ta' Mejju 2001.

Ikkonsidra,

1. L-attur qed jitlob ir-revoka jew ……….ta'sentenza moghtija fil-15 ta' Novembru 2000 f'rikors fl-ismijiet bil-maqlub u s-smigh mill-gdid tar-rikors numru 85/00.  Is-sentenza kienet kif gej:
Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponenti qalu;

Illi l-esponenti jikru lill-intimat il-fond adebit bhala hanut fi Triq l-Arznell, Marsaxlokk, versu l-kera ta' sitt mija u ghoxrin lira Maltija (Lm620) fis-sena jithallas tleit mija u ghoxrin lira Maltija (LM310) kull sitt xhur bil-quddiem, l-ahhar skadenza ghalqet fl-10 ta' Marzu 2000;

Illi l-intimat issulloka l-fond u/jew ceda d-drittijiet lokatizji lil terzi minghajr il-kunsens tal-esponenti u kontra d-divjet espress fl-iskrittura ta' l-lokazzjoni tal-10 ta' Settembru 1992;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond de quo u ghal dan il-fini jiffissa terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament tieghu minnu.

Bl-ispejjez.

Ra li fis-seduta ta' llum deher ir-rikorrent Carmelo Manicolo.

Ra li l-intimat debitament notifikat, la deher ghas-seduta u lanqas ressaq twegiba.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta

Jilqa' t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jiriprendu pussess tal-fond/hanut, Triq l-Arznell, Marsaxlokk;  ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahar m'illum;  l-isepjjez jithallsu mill-intimat.

2. It-thassir ta' din is-sentenza qieghed imsejjes fuq l-art 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:
"Jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza."
(l-artikolu hu applikabbli ghall-Qorti ta' l-Ewwel grad bis-sahha ta' l-artiklu 812 tal-Kap 12).

3. Illi a fol 8t hem miktub li kopja ta' "Rik/Avviz" giet notifikata lill-attur f'dawn il-proceduri fis-16 ta' Ottubru 2000.

4. Il-marixxall Francis Ellul li xehed fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2002 esebixxa l-karta r-roza dwar ir-rikors/avviz minfejn jidher l-isem ta' Angelic Mifsud ta' 17, Denci, Triq l-Imriekeb, Marsaskala (l-istess indirizz a fol 11 tar-rikors 85/00).  Iffirmat fuq il-karta r-roza Monica

Mifsud, karta ta' gharfien 194577M fis-16 ta' Ottubru 2000. Fuq hemm inmizzel '15/11' (ara verbal a fol 9 tar-rikors 85/00). In-numru tar-registrazzjoni hu '262', l-istess jidher a fol 8t ta' l-ewwel rikors imsemmi. Tal-posta hu xi hadd Desire li ma tellax jixhed. Stqarr li
"Jien fuq il-pink card (karta roza) biex inkun certissimu bhala referta naghmel xi nkun innotifikajt, l-att li jkun, infatti hawn fuq, il-pink card, originali ghandek rikors avviz RRB, min hu l-gudikant u d-data ta' meta ssir."

5. L-attur isostni li gie notifikat biss bir-rikors u ma giex notifikat bl-avviz ghas-smigh tar-rikors skond il-ligi.
"Ircevejt din il-karta wahedha jiena u din ghaddejtha lill-avukat tieghi. Jien tajtielu u qalli x'inhi u qali suppost trid tircevi ittra ohra fejn jghidulek meta titla' l-Qorti. Ghadda z-zmien, l-ittra ma rcevejthiex u rcevejt ittra ohra minghand avukat biex fi zmien, fi zmien nizgombra l-post." (fol 31)

6. Il-Bord ma ghandu l-ebda dubju fil-marixxal li xehed bi precizjoni kbira. Hu bniedem li jaf l-affarijiet tieghu u ma jghaddi qatt minn ras il-bord li x-xhieda tieghu m'hiex korretta. Il-fotokopja ipprezentata (il-Bord u l-partijiet raw l-original) fiha d-dettalji kollha. Il-Bord li sema x-xhieda ihssru moralment konvint li l-attur irceva kemm ir-rikors kif ukoll l-avviz. L-attur seta tela' tixhed lil Monic aMifsud li ffirmat ghal dak li rceviet flok jallega fit-trattazzjoni li l-marixxal
"ikollu mazz karti bhal meta jkunu fic-citazzjonijiet nizzlu kapertura generali ta' l-inkartament minghajr ma jkunu ezaminat."
Barra dan hija l-prattika fil-Qrati li r-rikors u l-avviz dejjem jintbaghtu f'daqqa. L-attur ma kienx kredibbli meta jghid li rceva biss ir-rikors u ghaddieh lill-avukat u dna qallu "suppost trid tircevi ittra ohra fejn jghidulek meta titla' l-Qorti." Bniedem li jircevi xi haga mill-Qorti m'ghandux ihalli kwazi xahar jghaddi u joqghod b'idejh fuq zaqqu, qisu ma rceva xejn. L-attur jghid li qieghed fil-business (fol 30B) u ma jidhirx li hu bniedem li ma jafx l-affarijiet tieghu.

Billi l-attur gie notifikat kemm bir-rikors kif ukoll bl-avviz it-talba tieghu msejsa fuq l-art 811(b) tal-Kap 12 ma tistax tigri. Ghalhekk jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------